

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/192

tat-8 ta' Novembru 2016

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/122/UE ⁽²⁾, il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni biex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fl-4 ta' Marzu 2016, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

⁽¹⁾ Kunsens mogħti fl-14 ta' Settembru 2016 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/122/UE tal-11 ta' Frar 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 2).

⁽³⁾ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 31, 4.2.2017, p. 3).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għan-notifika prevista fl-Artikolu 6 tal-Protokoll, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jkunu marbuta bil-Protokoll ⁽¹⁾.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.